KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 38 (kont. 1)** **IS-SITT KUNSILL**

It-tmienja u tletin seduta (kont. 1) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2011** fis-5.40 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Edward Cuschieri, Martin Debono, Nicolai Gauci u J. Galea.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsilliera Sandra Camilleri, Nikki Dimech u Patrick Pace minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillier msemmi bħala raġonevoli.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

Dott. Marion Camilleri

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi diskuss issa *item* numru ħamsa (5) tal-aġenda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan.

***Il-Kunsilliera M. Debono u J. Galea daħlu fis-seduta 5.45pm***

## 38.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti

38.5.1 Is-Sindku qrat il-lista tal-pagamenti li kienet intbagħtet lill-Kunsilliera mal-Agenda għall-approvazzjoni tagħhom.

38.5.1.1 Il-Kunsillier N. Gauci ġibed l-attenzjoni dwar Triq Falzon minħabba li s-sinjali tat-traffiku fit-triq saru darbtejn. Il-Kunsill għandu jiċċekkja jekk dan hux minnhu.

38.5.1.2 Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni taċ-ċedola tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, M. Debono u N. Gauci astjenew. Il-mozzjoni għaddiet b'ħames (5) voti favur.

38.5.1.3 Il-Kunsillier M. Debono talab li jintbagħtulu kopji tal-kontijiet tal-kuntrattur T. Aquilina flimkien mar-rati.

38.5.2 Is-Sindku qrat il-lista tal-pagamenti maħruġa mill-Kunsill li kienet intbagħtet lill-Kunsilliera mal-Aġenda għall-approvazzjoni tagħhom.

38.5.2.1 Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni taċ-ċedola tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, M. Debono u N. Gauci astjenew. Il-mozzjoni għaddiet b'ħames (5) voti favur.

## 38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

38.3.18 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill tlett offerti mitfugħa minn AllCare Insurance Brokers, KDM Insurance Brokers u Mediterranean Insurance Brokers għall-assigurazzjoni tal-Kunsill kif ġej (Dok A, B u C mehmuzin):

| | |
|---|---|
| AllCare Insurance Brokers | €2379.30 |
| KDM Insurance Brokers | €1848.02 |
| Mediterranean Insurance Brokers | €1743.02 |

38.3.18.1 Il-Kunsill iddiskuta t-tlett (3) offerti fid-dettall inkluż l-excess li għandu jitħallas f'każ ta' *claim*.

38.3.18.2 Il-Kunsillier M. Debono ippropona li t-*tender* jingħata lill-orħos offerent. Il-Kunsillier Y. Cali issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

38.3.19 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li f'korrispondenza mibgħuta mit-TM, il-Perit D. Vassallo kiteb lill-Kunsill biex jiffissa laqgħa biex ikun diskuss t-*Traffic Management Holistic Plan* għal Tas-Sliema u r-*residential parking*.

38.3.19.1 Is-Sindku tenniet li l-uniku Avviz Legali maħruġ dwar zoni ta' parkeġġ għar-residenti kien l-Avviz Legali 200/2009 li fih ma kienux imnizzlin it-toroq kollha ta' Tas-Sliema.

***Il-Kunsillier N. Gauci ġie skużat mis-seduta fis-6.20 ta' filgħaxija.***

38.3.19.2 Is-Sindku qalet li minħabba li hemm kawza għaddejja l-Qorti dwar *residential parking* fil-Pieta, it-TM ma kinitx ikkonfermat talbiet oħra għal *residential parking*. Qalet li l-Perit Vassallo jkun jista' jikkonferma dan waqt il-laqgħa li qed tiġi proposta mit-TM mal-Kunsill.

***Il-Kunsillier N. Gauci reġa daħal lura għas-seduta fis-6.23 ta' filgħaxija.***

38.3.19.3 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandha ssir laqgħa mal-Perit Vassallo nhar l-Erbgħa 13 ta' Lulju, 2011 fl-4.30pm.

38.3.19.4 Is-Sindku qalet li waqt il-laqgħa tal-lokalita' r-residenti preżenti dehru li jaqblu mal-implimentazzjoni tar-*residential parking zones*.

38.3.19.5 Il-Kunsillier M. Debono talab kopja tal-Avviż Legali 200/2009.

38.3.20 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill zewg (2) kwotazzjonijiet mitfugħa minn Engineering Services Ltd u Galea Curmi Engineering Services Ltd (Dok D u E mehmuzin).

38.3.20.1 Il-Kunsill iddiskuta fit-tul z-zewg (2) kwotazzjonijiet b'mod partikolari kien innutat il-prezz li kien qiegħed jintalab mill-offerenti.

38.3.20.2 Is-Sindku ipproponiet li l-kwotazzjoni tingħata lill-orħos offerent. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

38.3.21 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li Dr Malcolm Mifsud, l-avukat tal-PMG, talab laqgħa mal-Kunsill. Is-Sindku qalet li taċċetta biss li tiltaqa'mal-PMG fil-presenza tad-Direttur għall-Gvern Lokali, l-Accountant u l-Avukat tal-Kunsill, kif ukoll il-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

38.3.22 Il-Kunsillier M. Aquilina rrimarkat dwar l-atteġjament ta' uħud mill-membri tas-Soċjeta ta' San Girgor, fejn hi qalet li għax marret twaqqafhom peress li bdew jagħmlu storbju eċċessiv wara l-ħdax ta' filgħaxija kienet mgħajjra. Fuq talba tal-istess Kunsillier, l-Kunsill qabel li għandu jikteb lis-Soċjeta fejn juri d-dispjaċir tiegħu għal dan l-atteġġament.

38.3.23 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill il-proposta tas-Soċjeta Madonna tal-Karmnu Balluta għall-attivita organizzata mal-Kunsill fuq talba tal-istess Kunsill u li kellha ssir fi Ġnien Indipendenza.

38.3.23.1 Il-Viċi Sindku qal li ġie avviċinat mis-Soċjeta San Girgor fejn dawn qalulu li kien sar ftehim mal-Kurja dwar l-uzu ta' Ġnien Indipendenza.

38.3.23.2 Il-Kunsillier M. Aquilina ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jlaqa' lill-Parroċċi fejn ikun iċċarat li l-attivitajiet jistgħu jsiru minn kulħadd.

38.3.23.3 Is-Sindku pproponiet li peress li Ġnien Indipendenza huwa ġnien pubbliku u għalhekk huwa proprjeta tal-Istat kull minn japplika biex jorganizza attivita fil-Ġnien għandu jiġi kkunsidrat.

38.3.23.4 Ma kienx hemm qbil dwar dan.

38.3.23.5 Il-Kunsillier J. Galea qal li jista' jinqala' l-ġlied.

38.3.23.6 Is-Sindku staqsiet għal suġġerimenti għal post alternattiv.

38.3.23.7 Il-Viċi Sindku qal li għal attivita simili f'San Giljan saħanistra ngħalqu t-toroq arterjali u staqsa għaliex ma jsirx l-istess fil-lokalita'.

38.3.23.8 Il-Kunsill kien infurmat mis-Sur Kevin Zahra tat-TM li jekk ikunu se jingħalqu toroq minn fejn jgħaddi t-trasport pubbliku, it-TM għandha tkun infurmata tal-inqas sebat ijiem qabel biex ikunu jistgħu jiġu ppjanati rotot alternattivi, kif ukoll ikun hemm konferma mill-Arriva jekk hux se jkun hemm spejjez addizjonali involuti.

38.3.23.9 Il-Kunsillier N. Gauci staqsa x'se jiġri meta jkun hemm xogħlijiet fit-toroq.

38.3.23.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kunsilli lokali għandha tintbgħatilhom korrispondenza dwar kif se titħaddem is-sistema l-ġdida. Qalet li talbet lill-*customer care* tal-Arriva skeda dettaljata tar-rotot f'Tas-Sliema.

38.3.23.11 Fir-rigward tas-servizz għat-trasport ċirkulari f'Tas-Sliema, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bgħatet tfakkar lit-TM dwar il-korrispondenza mibgħuta lill-Arriva f'Marzu u li l-Kunsill ma kienx ingħata risposta għaliha.

38.3.23.12 Il-Kunsillier N. Gauci ppropona li l-kwistjoni dwar l-egħluq tat-toroq u dik dwar is-servizz għat-trasport ċirkulari għandhom ikunu rriferuti lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Malta għaliex l-introduzzjoni tal-Arriva u l-bidliet li kienet se ġġib magħha ma kienux se jaffettwaw biss lil Tas-Sliema, izda kienu *issue* nazzjonali. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

***Il-Kunsillier M. Debono ġie skużat li mis-seduta fis-7.04 ta' filgħaxija.***

38.3.23.13 Is-Sindku reġgħet irreferiet għall-każ tas-Soċjeta Madonna Tal-Karmnu Balluta dwar il-proposta tagħhom għal attivita fi Ġnien Indipendenza u ssuġġeriet li ssir fuq il-Promenade quddiem il-Kunvent.

38.3.23.14 Wara diskussjoni dwar problemi logisitici li jistgħu jinqalgħu biex l-attivita ssir fuq il-Promenade kid propost mis-Sindku, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-Viċi Sindku jiltaqa' mas-Socjeta Madonna Tal-Karmnu Balluta biex tinstab soluzzjoni.

38.3.23.15 Il-Viċi Sindku qal li l-għandna nużaw l-iskema mid-DLG għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet fil-lokalita.

38.3.24 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni mitfugħa mill-kumpanija ITC Ltd. għal kiri ta' stage kif mitlub mill-Kunsill fil-laqgħa precedenti (Dok F mehmuz).

38.3.24.1 Is-Sindku pproponiet li din il-kwotazzjoni tingħata lill-kumpanija ITC Ltd minħabba li kienet l-uniku offerent. Il-Viċi Sindku ssekonda.

38.3.24.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

38.3.25 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ma ntefgħux offerti għas-sejħa għal kwotazzjonijiet għal 'Printed Material'.

38.3.25.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li s-sejħa għal kwotazzjonijiet għal 'Printed Material' għandha terġa' toħroġ u li l-avviż għandu jidher għal perjodu ta' ġimgħatejn.

38.3.26 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill zewg (2) kwotazzjonijiet mitfugħa mill-kumpanija ITC Ltd. U mill-kumpanija Nexos Lighting and Vision għal kiri ta' dawl u sound kif mitlub mill-Kunsill fil-laqgħa precedenti (Dok G u H mehmuz).

38.3.26.1 Saret diskussjoni fit-tul dwar il-prezzijiet li kienu qed joffri iz-zewg offerenti fejn kien innutat li l-prezzijiet ivarjaw minn item għal ieħor. Kien innutat ukoll li l-prezz għas-servizz ta' technician kien irħas mingħand il-kumpanija ITC Ltd milli mill-kumpanija Nexos Lighting and Vision.

38.3.26.2 Il-Kunsillier Y. Cali issuġġerixxa li għal finijiet ta' loġistika minħabba li l-Kunsill kien se jikri l-istage mingħand il-kumpanija ITC Ltd. ikun jagħmel aktar sens jekk jinxtara servizz komplut għal stage, dawl u sound mingħand l-istess kumpanija.

38.3.26.3 Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien diġa uza s-servizzi tal-kumpanija ITC Ltd fl-attivita li saret fil-Milied fejn innutat li l-Kunsill kien sodisfatt bis-servizz provdut waqt din l-attivita.

38.3.26.4 Il-Viċi Sindku qal li din il-kumpanija kienet efficjenti u ramat l-istage, id-dawl u s-sound fil-ħin għall-attivita tal-Milied.

38.3.26.5 Is-Sindku pproponiet li l-kwotazzjoni għandha tingħata lill-ITC Ltd minħabba r-ragunijiet imsemmija. Il-Viċi Sindku ssekonda.

38.3.26.6 Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri, N. Gauci u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Aquilina astjeniet.

38.3.26.7 Il-mozzjoni għaddiet b'sitt (6) voti favur.

38.3.27 F'dan l-istadju l-Kunsill qabel b'mod unanimu li s-sehem tiegħu fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet li kienu qed ikunu organizzati mill-Kunsill u l-baned tal-lokalita għandu jkun li jipprovdi l-istage, id-dawl u s-sound, kif ukoll li l-capping għal kull attivita għandu jkun ta' €1,500.

38.3.28 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni mitfugħa mill-kumpanija Premier Post għad-distribuzzjoni ta' materjal stampat tal-Kunsill (Dok I mehmuz).

38.3.28.1 Is-Sindku pproponiet li din il-kwotazzjoni tingħata lill-kumpanija Premier Post minħabba li kienet l-uniku offerent. Il-Viċi Sindku ssekonda.

38.3.28.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

38.3.29 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mit-Transport Malta fejn il-Kunsill qiegħed jintalab il-kummenti tiegħu għat-talba tal-kumpanija *DiveShack* għal *loading/unloading area* kif ukoll għal *pedestrian crossing*.

38.3.29.1. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li t-Transport Malta naqqset diversi *parking spaces* minn Qui-Si-Sana u minn Tigne. Qal li hu kiteb b'mod personali li din hija sitwazzjoni inaċċettabbli minħabba l-problema kbira ta' nuqqas ta' parkegg li diġa tezisti f'Tas-Sliema. [illegible] Sindku [illegible] Manwel Delia [illegible]

38.3.29.2 Wara diskussjoni fit-tul dwar it-talba tal-kumpanija *Diveshack*, fejn fost il-punti mqajjma il-Viċi Sindku semma li l-kumpanija kienet qed taħzen cilindri tal-gass li setgħu jkunu ta' periklu għar-residenti fl-appartamenti tal-madwar, is-Sindku pproponiet li tingħata *loading/unloading bay* kif ukoll li ssir il-*Pedestrian Crossing* fi Qui Si Sana. Il-Kunsillier J. Galea issekonda.

38.3.29.3 Il-Kunsilliera E. Cuschieri u N. Gauci ivvutaw favur. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina u Y. Cali ivvutaw kontra.

38.3.29.4 Il-mozzjoni għaddiet b' erba' (4) voti favur.

38.3.30 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mill-Perit Vassallo mit-Transport Malta fejn il-Kunsill kien qiegħed jiġi mistoqsi biex jagħti l-kummenti tiegħu dwar id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Sant'Enriku.

38.3.30.1 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill kien qiegħed jaqa għac-cajt mar-residenti, b'referenza partikolari għal din it-Triq fejn l-istess Perit intalab mill-Kunsill biex jagħti l-parir professjonali tiegħu dwar l-aħjar mod ta' kif kellhom isiru l-parking bays u dwar id-direzzjoni tat-traffiku. Il-Viċi Sindku qal ukoll li l-istess Perit mhux qiegħed jirrispondi għall-*issues* tal-Kunsill u jaqbel li qabel ma jirrispondi għall-*issues* tagħna il-Kunsill m'għandux jagħti l-proposti tiegħu.

38.3.30.2 Il-Kunsillier Y. Cali qal li s-sistema ta' *one ways* għandha tkun waħda holistika.

38.3.30.3 Il-Kunsillier N. Gauci ppropona li l-Kunsill joħroġ *warning* lill-Perit Vassallo għax iħossu urtat li ma kienx qiegħed jagħti l-attenzjoni mistħoqqa lill-Kunsill. Il-Kunsillier M. Aquilina issekondat.

38.3.30.4 Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier J. Galea ivvutaw favur. Is-Sindku u l-Kunsillier E. Cuschieri ivvutaw kontra. Il-Kunsillier Y. Cali astjena.

38.3.30.5 Il-mozzjoni għaddiet b'erba' (4) voti favur.

38.3.30.6 Il-Kunsillier N. Gauci xtaq li jikkwalifika l-vot u qal li għamel din il-proposta mhux għax il-perit ma jafx xogħlu iżda għax m'għandux ħin għal Kunsill, u qal li Tas-Sliema tirrikjedi ħafna xogħol.

38.3.30.7 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill għandu jikteb lill-Perit tal-Kunsill, il-Perit David Vassallo għal parir tiegħu qabel ma jwiegeb lit-TM. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

38.3.31 Is-Sindku ressqet proposta għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill għal attivita flimkien mas-Sliema Business Community biex tkun organizzata attivita għal Jum il-Missier fi Triq Bisazza. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill għandhu jixtri s-servizz ta' animaturi għal din l-attivita u li n-nefqa ma teccedix l-€1165 (inkluż il-VAT).

38.3.31.1 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill jista' jagħmel attivitajiet bħal per ezempju li jippartecipa fil-Mobilty Day skont Memo 52/2011.

38.3.31.2 Is-Sindku qalet li jekk il-Kunsill jippartecipa fil-Mobility Day ma jfissirx ma jistax jippartecipa f'din l-attivita għalhekk ipproponiet li l-Kunsill jidħol bi sħab mas-Sliema Business Community biex jorganizza attivita għal Jum il-Missier u li l-ispiza ma teccedix il-€1165 (inkluż il-VAT) għas-servizz ta' animaturi. Il-Kunsillier J. Galea ssekonda. Il-Kunsillier E. Cuschieri vvota favur, waqt li l-Kunsilliera M. Aquilina u N. Gauci ivvutaw kontra. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Y. Cali astjenew.

38.3.31.3 Il-mozzjoni għaddiet bi tlett (3) voti favur.

38.3.31.4 Il-Kunsillier N. Gauci xtaq li jikkwalifika l-vot tiegħu għaliex qal li skont l-informazzjoni li għandu s-*Sliema Business Community* inqassmet f'organizzazzjonijiet oħra.

38.3.31.5 Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li hi wkoll taħseb li hemm aktar minn grupp wieħed li jirrappreżenta l-komunita tal-ħwienet f'Tas-Sliema.

38.3.31.6 Il-Kunsillier N. Gauci ippropona li jkun hemm *capping* ta' massimu €1500 u dan peress li l-Kunsill kien diga iddecida li għal attivitajiet oħra jagħmel dan il-*capping*. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina vvutat favur. Is-Sindku, il-Kunsilliera E. Cuschieri u J. Galea ivvutaw kontra. Il-Kunsillier Y. Cali astjena. Peress li kien hemm tlett voti favur u tlett voti kontra is-Sindku tefgħet il-*casting vote* tagħha u l-mozzjoni m'għadditx.

38.3.31.7 Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li xtaqet li tikkwalifika l-vot tagħha u qalet li vvutat favur il-proposta tal-Kunsillier Gauci għaliex qalet li l-Kunsill għandu jaħdem f'isem ir-residenti u mhux biex jaġevola is-*Sliema Business Community*.

38.3.31.8 Il-Viċi Sindku qal li jaqbel li jsiru dawn it-tip ta' attivitajiet iżda ma jaqbilx li l-Kunsill għandu jaħdem biss ma' sezzjoni waħda tal-komunita kummercjali Slimiza.

38.3.32 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li Patrick Joinery Works ma setax jonora id-deċizjoni tal-Kunsill li jipprovdi s-servizz ta' tiswija tal-annimali fil-playing field u l-bankijiet tal-injam. Ġie spjegat li l-Kunsill talab stima tax-xogħol mill-Garaxx tal-Gvern, li meta mqabbla mal-kwotazzjonijiet li kienu diga pprezentati lill-Kunsill cioe dawk ta' Abela Woodworks (€781,16) u Patrick Joinery Works (€695.02), il-Garaxx tal-Gvern (€480) jien irħas għar-raguni li l-Kunsill kien se jħallas biss għall-injam u mhux għax-xogħol biex jissewwew il-bandli u l-bankijiet (Dok J, K, L mehmuzin).

38.3.32.1 Il-Kunsillier N. Gauci qal li f'dan il-każ il-Kunsill għandu jikkunsidra l-kwalita wkoll u mhux biss il-prezz minħabba s-sigurta tat-tfal.

38.3.32.2 Il-Kunsillier J. Galea ippropona li l-kwotazzjoni tingħata lill-Garaxx tal-Gvern għaliex għandu jingħata l-opportunita biex il-Kunsill jara s-servizz jista' joffri. Qal li jekk il-Kunsill ma jinqediex jirrikorri għand fornituri oħra darb'oħra. Ma kienx hemm sekondat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proposta tal-Kunsillier Galea.

38.3.33 Il-Kunsillier N. Gauci ippropona li Ġnien Indipendenza jkun msebbaħ b'aktar dawl dekorattiv matul li jkun aktar attraenti u li jdawwal il-Ġnien. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jikteb lill-Ministeru għar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali għall-intervent tiegħu.

38.3.34 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni għax-xiri ta' *basket ball ring* għal bandli Margaret Mortimer (Dok M mehmuz). Kien hemm qbil unanimu li tintgħazel l-irħas waħda cioe dik ta' €28.

***Il-Kunsillier J. Galea ġie skużat mis-seduta fit-7.55 ta' filgħaxija***

38.3.35 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill tlett (3) kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *cradle swing* li hemm nieqsa fil-bandli Margaret Mortimer (Dok N, O u P mehmuzin). Kien hemm qbil unanimu li l-*cradle swing* tinxtara mingħand il-kumpanija JGC għaliex kienet l-irħas waħda.

38.3.36 Tressqet talba mill-*Works Division* biex jitpoġġa *container* għal għodda tal-ħaddiema li kienu se jaħdmu fuq il-bankina ta' Triq Locker, kif ukoll biex jitpogga *mobile toilet* fi Triq Locker. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dawn jitpoġġew Qui-Si-Sana fuq mhedda art li għadha ma ġietx irranġata biswit ir-*roundabout* il-gdida.

*Il-Kunsillier N. Gauci ġie skużat mis-seduta fit-8 ta' filgħaxija.*

38.3.37 Il-Kunsill ikkunsidra li ma kienx se jkollu ħin bizzejjed biex jiddiskuti l-*Bye-Laws*. Is-Sindku pproponiet li ssir laqgħa ad hoc biex jigu diskussi l-*Bye-Laws*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-laqgħa għandha ssir fil-15 ta' Gunju, 2011 fis-6.30 ta' filgħaxija fil-prezenza tal-Avukat tal-Kunsill. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet se tkun imsiefra izda li ma kellha l-ebda oggezzjoni li l-laqgħa ssir u tkun ippreseduta mill-Viċi Sindku.

*Il-Kunsillier N. Gauci daħal lura għas-seduta fit-8.02 ta' filgħaxija.*

38.3.38 Il-Kunsillier N. Gauci qal li għandu jkun hemm ċertu kundizzjonijiet li għandhom ikunu stabbiliti qabel ma jinħargu permessi biex isiru BBQs fi Qui-Si-Sana bħal per ezempju post speċifku u ħlas fost oħrajn, waqt li tenna li għandu jkun hemm limitu tan-numru ta' BBQs permessi. Is-Sindku qalet li għandha r-riservi tagħha dwar il-*Bye-Law* dwar il-BBQs.

38.3.39 Is-Sindku ressqet għal attenzjoni tal-Kunsill li il-ftehim mat-*Technosoft* għal programm *Payroll Manager* li permezz tiegħu jinħadmu s-salarji tal-impjegati u l-*allowances* tal-Kunsilliera wasal biex jerġa' jiġi mġedded. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jiġġedded il-ftehim mat-Technosoft għal sena oħra.

38.3.40 Is-Sindku ressqet għal attenzjoni tal-Kunsill li resident għandu jingħata *refund* għall-ħarġa tal-Kunsill għaliex il-ħlas ma kellux isir il-Kunsill għall-ikla izda fir-restaurant. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma dan.

38.3.41 Il-Viċi Sindku staqsa kif se jkun imħallas Fr Simon Cini li ta s-servizz tiegħu waqt il-ħarġa tal-Kunsill tax-xahar ta' April. Kien hemm qbil li Fr Simon Cini għandu jitħallas minnufih.

*Is-Sindku ġiet skużata mis-seduta fit-8.15 ta' filgħaxija.*

**Il-laqgħa waqfet fit-8.15 ta' filgħaxija minħabba nuqqas ta' kworum. Seduta oħra ġiet imsejħa għas-27 ta' Ġunju, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ..................... ta' ..................... 2011.